IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 10**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 15 t' April 2015 fil-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Audrey Sant | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B08**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B08 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B08

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B08**

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat l-istima tal-pjanti, liema istima ġiet tammonta għall-prezz ta' €1730. Peress li l-prezz gie ħafna aktar min dak mistenni, s-Sra Louise Agius issuġġerit li jsir xi tip ta' *fencing*.

Diskussjoni dwar is-*soft areas*

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li s-Sna Louise Agius u s-Sra Renate Guillaumier jiltaqgħu fuq il-post mall-kuntrattur, sabiex jiġi diskuss miegħu x'jistà jsir u titieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.02 2.02 Is-Sna Louise Agius, ppreżentat il-lista tan-nuqqasijiet li għadhom ma ġewx riżolti fir-rigward tat-trasport pubbliku u l-immaniġġjar tat-traffiku ġewwa tal-Virtù. *Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku*

Iċ-Ċerpersin Sam Abela ppropona li tali proposti u talbiet jintbgħatu lill-Transport Malta kif ukoll lill-Ministru Joe Mizzi sabiex l-Ministru ikun infurmat. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament.

2.03 2.04 Iċ-Ċerpersin Sam Abela qal li mal-ittra li ser tintbagħat lir-residenti ser jitqassmu ukoll *stickers* sabiex jitwaħħlu mat-twieqi tar-residenzi. Qal ukoll li dan il-punt ma ġiex inkluż fl-ittra li ser titqassam bieb bieb. Il-Kumitat qabel li fl-ittra titnizzel nota sabiex l-imsemmija *stickers* jitwaħħlu f'post viżibli mit-triq. *Neighbourhood Watch*

**3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B09**

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B09 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B09*

**4.00 Komunikazzjoni mill-membri**

4.01 Is-Sna Louise Agius qalet li fi Triq Godwin Ganado k/m Triq il-Buskett hemm ħafna ħaxix u ġebel fuq il-bankina kif ukoll konki imkissrin. Hija qalet li ser tieħu r-ritratti u tibgħathom lis-Segretarju Eżekuttiv. *Ħaxix fuq il-bankina Triq Godwin Ganado*

4.02 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li l-kennies ilhu ma jmur jiknes tal-Virtu'. Ġie deċiż li ser jintbgħatu ritratti lis-Segretaju Eżekuttiv dwar dan sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur kkonċernat. *Knis ġewwa tal-Virtu'*

4.03 Is-Sra Renate Guillaumier qalet li hemm ħofra fi Triq Franceso Azzopardi quddiem is-sorijiet tal-Ursolini. Ġie deċiż li jintbgħat il-*handyman* tal-Kunsill sabiex jagħmel l-manutenzjoni meħtiega. *Ħofra li Triq Francesco Azzopardi*

4.04 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li ġie misruq diversi *bricks* tal-bankina ta' Triq tal-Virtù quddiem bieb nru. 74, bil-konsegwenza li din issa ġiet perikoluża. Ġie deċiż li jintbgħat il-*handyman* tal-Kunsill, sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtiega. *Bankina Triq tal-Virtù*

4.05 Iċ-Ċerpersin talab li terġà tintbgħat *reminder* lill-Bank HSBC dwar it-tabella Merħba f'tal-Virtù. *Bdil tat-tabelli 'Merħba f'tal-Virtù'*

** Is-Sur Christopher Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.28 ta' filgħaxija.

4.06 Iċ-Ċerpersin talab li jsir rapport lill-Pulizija dwar il-*coaches* li qed jipparkjaw ġewwa Triq Francesco Azzopardi matul il-lejl. Is-Sur Christopher Farrugia qal li huwa kien diġa tkellem mal-Pulizija dwar din il-kwistjoni, fejn ġie nfurmat li sakemm il-*coaches* ikunu imsakkra u mhux quddiem l-entratura prinċipali ta' residenza dawn ma jistà jsir xejn dwarhom. *Parkeġġ ta' coaches ġewwa Triq Francesco Azzopardi*

4.07 Is-Sur Christopher Farrugia talab sabiex jinżebgħu il-bankijiet u jitranġa *litterbin* li *Manutenzjoni tal-bankijiet u l-litter*

jinsab imkisser, ġewwa Triq il-Buskett, fid-daħla tal-Virtu'. *bin* fi Triq il-Buskett

**5.00 Korrispondenza**

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0403/15**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat kien irċieva talba għall-kumpens dwar ħsarat li allegament qed jingħad li ġarbet vettura ġewwa t-Trejqa tal-Wied tal-Isqof. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-każ gie mgħoddi lill-avukat tal-Kunsill u lilll-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill. Ħsara fuq vettura il-Wied tal-Isqof

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li daħħlu diversi llmenti dwar diversi ħofor li hemm ġewwa t-Trejqa tal-Wied tal-Isqof. Iċ-Ċerpersin ippropona illi jsir xogħol ta' manutenzjoni b'7 jardi konkos fuq din it-trejqa. Is-Sur Christopher Farrugia issekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. Ħofor fit-Trejqa tal-Wied tal-Isqof

**6.00 Materji Oħra**

6.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji Oħra

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2015 fil-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2015

f/ **Sam Abela**
**Ċerpersin**

Renate Guillaumier

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**